**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Ottubru 2023**

**<u>Rikors nru : 97/ 2021 AGV</u>**

NA nee' A L

VS

FSMA

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors guramentat ta' NA datat 26 ta' Marzu 2021, fejn ippremettiet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar is-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) gewwa Sultangazi Turkija liema zwieg gie ssussegwentament rregistrat hawn Malta fir-Registru Pubbliku bin-numru progressiv 262/2020[**Dok A**].

2. Illi mil-liema zwieg ma twieldux tfal.

3. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti giet resa impossibli minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-intimat u senjatament minhabba adulterju, eccessi, vjolenza domestika u inguri gravi da parti tal-intimata, ghal-liema ragunijiet iz-zwieg taghhom tkisser irrevokabilment, u dan kollu kif se jigi ampjament ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illli barra minn hekk l-konvenut abbanduna d-dar matrimonjali u ghandu relazzjoni ohra li huwa qieghed ighid li kien mizzewwewg lilha u mar jghix maghha u mat-tfal.

5. Illi fl-11 ta‘ Frar 2021, din l-Onorabbli Qorti permezz ta‘ digriet numru iddikjarat il-medjazzjoni bejn il-kontendenti maghluqa u awtorizzat lir-rikorrenti sabiex jipprocedi b'kawza ghas-separazzjoni personali fit-terminu impost bil-Ligi (kopja awtentika tad-digriet qieghda tigi annessa u mmarkata bhala **Dok B).**

6. Illi kull tentattiv ghar-rikonciljazzjoni jew separazzjoni bonarja bejn il-kontendenti ma tawx frott minhabba n-nuqqas ta‘ kooperazzjoni da parti tal-intimat.

7. Illi l-agir tal-intimat jintitola d-dekadenza versu taghha mid-dritt illi jircievi minghand martu l-manteniment.

8. Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet surreferiti u imputabbli unikament lill-intimata, u ghall-finijiet tal-Artikolu 48C tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) tistabillixxi d-data meta l-istess intimata ghandha tkun ikkunsidrata illi minnha hi kienet hatja tal-firda.

2. Tiddikjara li l-intimat ddekada permanentement mid-dritt li jircievi manteniment minghand martu b'effett mid-data fuq stabbilita jew b'effett minn kwalsiasi data ohra li jidrilha xierqa u opportuna.

3. Tistabilixxi l-kontribut in linea ta' manteniment ghaliha stante li bil-komportament tal-intimat l-attrici ma tahdimx u inkorriet diversi spejjes u djun sabiex jerga' jkollha d-dar taghha.

4. Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kollha kkontemplati a bazi tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-kodici Civili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta].

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna l-istess effetti formanti parti mill-komunjoni jigu divizi f zewg porzjonijiet

komposti kif jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti fid-dawl ukoll tad-data meta l-intimata nstabet hatja tal-firda, liema porzjonijiet jigu akkordati lill kull wiehed mill-partijiet fis-sehem taghhom mill-istess assi formanti tal-istess komunjoni, dana okkorendo bin-nomina ta' periti nominandi.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumacja tal-intimata fl-eventwalita kaz ta' bzonn.

7. Tordna lill-intimat sabiex tirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u krediti parafernali tieghu jew il-valur rispettiv taghhom fi flus.

8. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' 'Altasa.'

9. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirregistra fir-Registru Pubbliku l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata illi hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' FSMA** , datata 20 ta' Dicembru 2021, li eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-esponenti ma jaqbilx mal-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet ta' NA stante li huma inveritiera u nfondati fill-fatt u fid-dritt u hekk kif ser jirrizulta fl-mori tal-kawza u ghalhekk it-talbiet taghha ghandhom jigu michuda.

2. Illi huwa minnu li l-hajja konjugli bejn il-kontendenti giet resa impossibli izda dan minhabba ragunijiet imputabbli unikament lil NA u senjatament minhabba adulterju, vjolenza u ingurji gravi da parti taghha u ghal-liema ragunijiet iz-zwieg taghhom tkisser irrevokabilment u dan kollu kif ser jigi ampjament ippruvat waqt il-mori tal-kawza.

3. Illi finalment l-esponenti qed jopponi ghall-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti li hija min issa ngunta in subizzjoni.

**Il-Qorti;**

**Rat il-kontro-talba ta' FSMA in kwantu kontro- talba kontra NA nee AL. ghat-talbiet tal-istess NA kif vattati fir-Rikors Guramentat Nru. 97/2021 AGV.**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu , jiddikjara u jikkonferma li s-segwenti fatti jafhom personalment:

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar is-sittax (16) ta Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) gwwa Sultangazi t-Turkija liema zwieg gie

sussegwentament rregistrat hawn Malta fir-Registru pubbliku bin-numru 262/2020;

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

3. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti giet resa impossbbili u dan minhabba ragunijiet imputabbli unikament lil NA u sjentement minhabba adulterju, eccessi, vjolenza u inhurgu gravi da parti taghha u ghal-liema ragunijiet iz-zwieg taghhom tkisser irrevokabilment u dan kollu kif se jigi ampjament pprovat waqt il-mori tal-kawza;

4. Illi l-agir ta NA jintitolat d-dekadenza versu taghha mid-dritt illi tircievi minghand zewgha l-manteniment;

5.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost FSM A umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-sparazzjoni personali bejn il-kontendeti u dana minhabba ragunijiet surrefiti u l-imputabbli unikament lil NA u ghall-finijiet tal-artikolu 48 c tal-Kodicic Civili ( kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta) tistabbilixxi d-data met l-istess NA ghandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda;

2. Tiddikjara li N A ddekadit personalment mid-dritt li tircievi manteniment minghand zewgha b'effett mid-data fuq stabbilita jew b'effett minn kwalsiasi data ohra li jidrilha xierqa u opportuna;

3. Tistabbilixxi l-kontribut in linea ta manteniment ghaliha stante li bil-konpartament ta NA ma jahdimx u l-agir taghha inkorra diversi spejjez u djun;

4. Tapplika kontra NA is-sanzjonijiet kollha kontemplati a bazi tal-Artilkuo 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta];

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna l-istess effetti formati parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu diviz f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat minn dina l-OnorabbLI Qorti , fid-dawl ukoll tad-data meta NA nstabet hatja tal-firda liema porzjonjiet jigu akkordati lil kull wiehed mill-partijiet fis-sehem taghhom mill-istess assi formati tal-istess komunjoni u dana okkorendo bin-nomina ta' periti nominandi;

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assensjoni u kuratur sabiex jirraprezenta l-kontumacja NA fejn ikun hemm il-bzonn;

7. Tordna lil NA sabiex tirrestitwixxi lill- FS MA l-beni parafernali tieghu jew il-valur tahhom fi flus;

**Bl-ispejjez kontra NA li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Risposta ghall-kontro -talba ta' NA ;**

Tesponi bir-rispett:

1. Illi l-attrici rikonvenzjonata giet notifikata bil-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonanat u ghaldaqstant qieghda tipprezenta r-risposta taghha ai termini tal-Ligi;

2. Illi primarjament l-allegazzjonijiet tal-konvenut rikonvenzjonanat huma kollha infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u ghandhom jigu michuda in toto bl-ispejjez kontrha l-istess konvenut;

3. Illi hekk kif ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza, z-wieg tal-partijiet tkisser irremedjabilment wara li kien istess konvenut rikonvenzjonat li qatt ma wera l-intenzjoni tiefghu li jikkometti ruhhu ghaz-zwieg ma attrici rikonvenzjonata. Illi barra minn hekk, l-attrici rikonvenzjontata temmen illi l-konvenut rikonvenzjonat qatt ma kellu l-intenzjoni li jhassar jew iz-zwieg tieghu minn martu H A A A u li finalment qieghed temmen li jhobbha u li jrid jizzewwiga sabiex ikollu mezz kif jasal Malta. Ftit wara li wasalu Makta l-Atrrici intebhet b bl-intenzjonijiet vera tal-konvenut rikonvenzjonant meta saret taf li Malta kienu qed joqoghdu dik li qal li kienet l-ex mara tieghu u t tfal tieghu u l-konvennut rikonvenzjonat kien jabbanduna d-dar matrimonjali ghal granet shah;

4. Illi kien il-konvenut rikonvenzjonat li abbanduna d-dar matrimonajli b'mod definit sabiex jghix mar jghix ma dik li qal li kienet l-ex mara tieghu, li huwa qieghed jghid li kien mizzewweg lilha, u t-tfal;

5. Illi minghajr preguddizzju ghall-premess , saru diversi seduti ta' medjazzjoni izda l-medjazzjoni bejn il-partijiet dejjem falliet stante li l-konvenut rikonvenzjonant qatt ma attenda ghal dawn is-seduti. Kienet l-istess Onorabbli Qorti li permezz ta' digriet numru 315/21 li ddikjarat il-medjazzjoni bejn il-kontendenti maghluqa minhabba li l-intimat ma attendeix ghas-sedutie tal-medjazzjoni u awtorizzat lill-attrici tipprocedi b'kawza. Wiehed irid jistaqsi li kieku dak li qed l-konvenut rikonvenzjonat fir-risposta tieghu huwa minnu , ghaliex ma attendiex ghas-seduti tal-medjazzjoni u ribata r-ragunijiet migjuba mill-attrici rikonvenzjonanta ghaliex iz-zwieg tal-kontendenti tkisser irrevokabilment;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attrici rikonvenzjnata kienet taghmel minn kollox sabiex tara rikonvenzjonant kuntent fiz-zwieg taghhom u taghti support kontinwu lil zewgha . Sahansitra abbandunat il-kirja tal-post li kellha u marret tghix go dar fond iehor mikri ghaliex kienet ix-xewqa tal-istess konvenut, u b'hekk dahlet f'obbligazzjoni finanzjarja ta' certu piz sabiex jghixu bhala koppja mizzewga stante li l-konvenut rikonvenzjonat, irrifjuta jghix maghha f'darha li kellha kirja baxxa li skond hu ma kienet spazzjuza bizzejjed. La darba l-konvenut rikonvenzjnat abbaduna d-dar matrimonjali bla kliem u bla sliem , l-attrici sabet ruhha wehidha f'post kbir b'kera gholja li la kellha bzonn u lanqas setghet tlahhaq mieghu finanzjarjament;

7. Illi l-attrici  rikonvenzjonata tirrileva li a kuntrarju ghal dak alleggat minn zewgha l-adulterju, eccessi u vjolenza u ingjhur gravi sehhew da parti tieghu, u kien l-agir lejha li wassal sabiex iz-zwieg taghhom tkisser irrevokabilment. Permess li l-attrici rikonvezjonata kienet taf lill- konvenut rikonvenzjonat minn meta kienu tfal u qabel ma zzewwgu hi sfat mahsuda w mhawda bl-agir tal-konvenut rikonvenzjonat ftit wara li wasslu Malta peress illi l-agir tieghu lejha nbidel tan tilli kien qisu haddiehor;

8. Illi a kuntraju ta kif inghad mill-konvenut rikonvenzjonat , huwa l-agir tieghu li jintitolha d-dekadeza versu tieghu mid-dritt li jircievi minghnad l-attrici rikovenzjonata l-manteniment;

9. Illi bir-rispett kollu l-konvenut rikonenzjonat ghandu mentalita kerha li tirrifletti l-egosimu tiegghu li jahseb li l-hajja ta' haddiehor ma tiswa xejn la darba jkun inqeda hu li huwa ghandu  drittijiet fuq il-kommunjoni tal-akkwisti aktar minn martu u dan kif din l-Onorabbli Qorti se jkollha l-opprtunita li tapprezza fil-mori tal-kawza;

10. Illl filwaqt li huwa minnu li l-kontendenti zzewwgu nhar is-sittax (16) ta' Jannar elfejn u ghoxrin (2020) gewwa Sultangazi Turkija. (liema zwieg gie sessugwentament irregistrat hawn Malta fir-registru pubbliku bin-numru progressiv 262/2020) u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal l-attrici rikonvenzjanat ssotni li hadet lill-konvenut rikonvenzjonat bhala zewgha ghaliex temmen fiz-zwieg u ma kienetx ser tizzewweg lill-konvenut rikonvenzjonat li kieku

kienet taf illi kien ser juzaha sabiex jigi Malta isib lill-familja originali tieghu u jabbandunaha sabiex jiltaq jghix maghhom;

11. Salv eccezzjonaijiet ulterjuri;

Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tal-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonat innhabba r-ragunijiet moghtija f'din r-risposta u tilqa' t-talbiet tar-rikors promotur tal-attrici rikonvenzjonata

**Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.**

**<u>Fatti</u>**

L-attrici kienet iltaqghet mal-konvenut peress li kellhom xi hbieb in komun. Dak iz-zmien li saret tafu kienet taf li kien mizzewweg u li kellu t-tfal. Kienet taf ukoll li kellu business hawn Malta ghal Libya u kien anke jaghmel xi xoghol it-Turkija.

Kienet regghet iltaqghet mieghu u kien qallha li kien divorzjat u fl-2021 rega' ltaqghu fejn baqghu in kuntatt u minn hawn kienu bdew ir-relazzjoni taghhom.

Kienet anke ghamlet kuntatt ma' omm it-tfal tal-konvenut li kienet ikkonfermatilha li huma ddivorzjati, izda baqghu in kuntatt minhabba t-tfal.

Tghid li l-konvenut ried jixtri dar hawn Malta, izda kienet ammettiet mieghu li ma kellhiex flus biex tixtri post ghax kienet tghix bir-r*elief* u ma setghetx taffordja, tant li kienet tikri b'€300.

Fil-post li kienet tikri kellha kamra tas-sodda wahda u ma riedx joqghod hemm peress li kellha tifel minn zwieg taghha. Il-konvenut imbaghad kien kera dar il-Mosta f'ismu b'€800 kera fix-xahar, kera li hi zgur qatt ma setghet thallas.

Ghall ahhar tas-sena 2019, il-konvenut kien talabha titla' t-Turkija, kif fil-fatt ghamlet u kienu kuntenti u kienu anke ltaqghu mal-familji rispettivi taghhom.

Sadanittant l-attrici kienet bdiet tipprepara d-dar li kien kera sakemm gie lura mit-Turkija, fejn kien qallha li ser igib il-*business* hawn Malta.

Meta rritorna ma kienx iqatta' hin id-dar u kien johrog minn kmieni filghodu u jidhol tard filghaxija u ma kien jikkontribwixxi xejn ghad-dar. Kulma kien interessat kien li jkollu *identity card*. In kontro-ezami tghid li kienet taf li kien ikun  hafna mat-tfal tieghu.

Minhabba li kienet ikkonfrontatu fuq dan, kien qabad hwejjgu u telaq biex mar ghand il-mara tieghu li qal li kienu ghadhom mizzewwgin. Din l-istess mara kienet ikkuntatjat lill-attrici u infurmatha li ma setghetx izzomm il-konvenut peress li kienet refugjata. Tikkonferma li hi kienet keccietu peress li kien rega' mar ghand il-mara tieghu.

Kienu spiccaw argumentaw u kellha taghmel rapport. Kienu batu ghalih il-pulizija u kien wera xi dokumenti li kien gie Malta bhala refugjat. Meta ccekjat mal-familjari tieghu kienu qalulha li kien ghadu mizzewweg il-Libja.

Kienet dispjacuta li l-konvenut kien ried jizzewwgiha biex jidhol hawn Malta u spiccat imbaghad barra fit-triq ghax kienu keccewha peress li l-konveut ma kienx hallas il-kera.

Per konsegwenza taz-zwieg taghha mal-konvenut tilfet is-sussidju tal-housing u spiccat anke bla relief.

Tichad li l-konvenut kien taha xi flus biex tixtri appartament u tichad ukoll li kienet talbitu ghoxrin elf euros sabiex tiffirmalu l-karti tal-karta tal-identita'.

**Joseph Rivans**, in rapprezentanza ta' Identity Malta jikkonferma li fl-2016 l-attrici kienet tidher bhala Al , imbaghad ghamlet renewal fl-2020 u fuq l-*identity card* gdida kienet tidher bhala N A   u jfisser li awtomatikament sar iz-zwieg.

**Johanna Bartolo**, in rapprezentanza ta' Bank of Valletta plc. Ikkonfermat li mir-ricerki li ghamlet irrizultaw is-segwenti kontijiet bankarji:-

F'isem l-attrici rrizultaw zewg kontijiet bankarji, precisament zewg savings account li ghadhom miftuhin.[1]

Dwar il-konvenut tghid li riedet tivverifika jekk kienx hu peress li ma kellix id-data tat-twelid tieghu. Il-kontijiet kienu jghajtu lil  FS MA  u rrizultaw li kien hemm zewg kontijiet li kienu nghalqu.[2]

**Gabriella Marmara**, in rapprezentanza ta' APS Bank Malta plc. Ikkonfermat li f'isem l-attrici rrizulta li kien hemm savings account, kif ukoll current account. [3]

**Ignatius Ciantar**, in rapprezentanza tar-Registru Pubbliku kkonferma li peress li l-attrici hija cittadina Maltija meta pprezentat ic-certifikat taz-zwieg Tork taghha, gie rregistrat fil-Insinwa u hareg verzjoni tieghu bil-Malti.[4]

---

[1] Doks. JB 1 u JB 2
[2] Doks. JB 3 u JB 4
[3] Doks. APS 1 u APS 2
[4] Dok. ICRP 1 u ICRP 2

**Spettur Hubert Gerada**, Spettur tal-Pulizija stazzjonat l-Immigrazzjoni kkonferma li fit-12 ta' Awissu, 2020 nharget visa Maltija ghall-konvenut u l-istess visa ntuzat sabiex dahal Malta fl-14 ta' Awissu, 2020.[5]

**Spettur Darryl Borg** ipprezenta kopja tar-rapport li sar mill-attrici,[6] kwerela li saret minn Dr. Josette Sultana f'isem l-attrici[7]. Ighid li da parti tieghu kien talab lil Identity Malta biex ighaddulu kull document illi ghandhomm bejn il-partijiet u dawn kienu pprezentawlu att taz-zwieg li gie registrat Malta fis-16 ta' Jannar, 2020.[8]

Izid ighid li l-Identity Malta kienu ghaddewlu kopja tad-divorce statement datata 14 ta' Settembru, 2018 u l-partijiet kienu FSMA u HAAA Jikkonferma li l-investigazzjoni dwar l-awtenticita' tad-dokumenti kienet ghadha ghaddejja.

**HM** , bin l-attrici jikkonferma li qatt ma kien sema' storbju u ghajjat ghax wara l-iskola kien dahal go kamartu u kellu l-headphones.

**Konsiderazzjonijiet**

**Responsabbilita'**

Dina l-Qorti tirrileva illi fil-verbal tas-26 ta' April, 2023, kienet ordnat l-isfilz tal-affidavit tal-konvenut, peress illi naqas milli jidher ghall-kontro ezami tieghu, u

[5] Dok. HG 1
[6] Dok. DB1
[7] Dok. DB 2
[8] Dok. DB 3

ghalhekk dina l-Qorti ser tillimita l-konsiderazzjonjiet taghha fuq ix-xhieda mressqa quddiemha.

Il-partijiet kienu ltaqghu l-ewwel darba tramite habib li kellhom in komun. Maz-zmien kienu regghu ltaqghu u l-konvenut kien qallha li kien iddivorzjat u ftit wara bdew ir-relazzjoni taghhom.

L-attrici kienet konsapevoli li l-ex mara tal-konvenut u t-tfal kien jghixu hawn Malta u kienu jiffrekwentaw lil xulxin, tant li kienet ikkonfermat lill-attrici li kienu ddivorzjati u kienu baqghu in kuntatt peress li kellhom it-tfal.

Ir-relazzjoni bejn il-partijiet kompliet u sahansitra l-attrici kienet anke telghet hdejh it-Turkija, fejn effettivament izzewwgu fis-16 ta' Jannar, 2020, liema zwieg imbaghad gie registrat hawn Malta.

Huwa evidenti kif il-konvenut ma kellux intenzjoni li jibqa' f'dan  iz-zwieg, ghaliex primarjament gieghel lill-attrici tikri post iehor mhux fejn kienet tghix peress li hemm kellha biss kamra tas-sodda u kellha t-tifel taghha jghix maghha. Spiccat li telqet mill-post taghha fejn kienet qed tikri ghall-prezz ta' €300 u spiccat tghix go post mikri b'€800 fix-xahar, meta certament finanzjarjament ma setghetx taffordja.

Il-konvenut ma kkontribwixxa xejn lejn dina l-kirja u spiccat ta' fuqha senduqha.

Il-konvenut ukoll beda jinsisti hafna mal-attrici sabiex tiffirmalu biex tinhariglu l-karta ta' identita'.

Mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-konvenut kien ghadu mizzewweg lil mara li suppost allega kienet l-ex mara tieghu. Il-gibed sfaccjati kienu intizi sabiex evidentement il-konvenut jilhaq l-ghan tieghu. Dan l-ingann jispikka iktar meta l-attrici pproduciet ic-Certificate of Marital State mahrug mil-Libya datat 28 ta' Settembru, 2020 li jikkonferma li meta l-konvenut izzewweg lill-attrici kien ghadu mizzewweg lil martu f'ghajnejn il-ligi Libjana u cioe' lil  HAAA

Fuq rapport tal-attrici, dan kollu gie investigat mill-pulizija Maltija, ghalhekk mart il-konvenut baqghet tinsisti li ma setghetx izzomm il-konvenut maghha peress li kienet refugjata. Dan ikompli jsahhah iktar it-tezi tal-attrici li biz-zwieg l-iskop ahhari tal-konvenut kien li jiggwadanja l-permess ta' residenza hawn Malta.

Inoltre, l-attrici tilmenta li l-konvenut bil-kemm kien ighix id-dar li gieghla tikri u kien dejjem jigri minn filghodu sa filghaxija. Kien irrabbja maghha u gholla lehnu meta talbitu jippartecipa fiz-zwieg, tant li kellha taghmel rapport mal-pulizija li gie pprezentat fl-atti ta' dina l-kawza. Bhala konsegwenza, il-konvenut kien abbanduna d-dar u mar rega' jghix mal-mara tieghu.

Ghaldaqstant, in vizta tal-provi migbura jirrizulta carament, li l-konvenut huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg minhabba sevizzi u eccessi.

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu ***"f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***

***Huma sevizzi dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholoqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

**Manteniment**

L-attrici qatt ma kienet soda finanzjarjament u qabel ma ltaqghet mal-konvenut kienet tghix bir-relief u kellha kera baxxa ta' €300.

Meta ltaqghet mal-konvenut kien inkorraggiha sabiex jikru post iehor ghax fejn kienet kellha kamra tas-sodda wahda. Sakemm izzewwgu kienet kriet post b'kera ta' €800 fuq insistenza tal-konvenut.

Per konsegwenza taz-zwieg taghha mal-konvenut kienet tilfet ir-relief kif ukoll is-sussidju li kien jipprovdilha l-Housing Authority, tant li kellha tirrifondi lura lill-Housing is-somma ta' €757.12 ghall-perjodu bejn l-1 ta' Awissu, 2020 u t-30 ta' Novembru, 2020.

L-attrici tinsisti li kull ma kien interessat il-konvenut kien li jkollu visa sabiex jibqa' Malta u ghalhekk wara li zzewwgu qatt ma taha manteniment u lanqas biss kien jikkontribwixxi lejn il-hajja ta' kuljum.

Sabiex tkampa ukoll it-tifel taghha kellu jahdem sabiex ighinha finanzjarjament.

Mill-kontijiet bankarji li gew esebiti jirrizulta li l-konvenut huwa f'posizzjoni finanzjarja ahjar mill-attrici.

Peress li l-attrici qed titlob li tinghata manteniment minghand il-konvenut, dina l-Qorti trid dejjem tiddetermina x'inhuma l-mezzi tal-persuna li minnha qed

tintalab il-manteniment, filwaqt tezamina x'inhuma l-bzonnijiet tal-persuna li qed titlob il-manteniment.

Fil kaz in dezamina, l-attrici certament ghandha problemi finanzjarji, filwaqt li l-konvenut ma jidhirx li kellu l-istess problemi finanzjarji. Dwar il-kapacita' lavorativa tal-attrici, ghandu jigi rilevat li ma jirrizultax li hemm xi problemi li jimpeduha milli tahdem u dan iktar u iktar meta kulma ghandha huwa tifel li twieled minn zwieg iehor li jahdem ukoll. Ghalhekk ma hemm xejn xi jwaqqafha milli tohrog tahdem.

Pero' dina l-Qorti tapprezza li mhuwiex possibbli li ssib impjieg mil-lum ghal ghada u ghalhekk huwa gust jekk il-konvenut ighaddilha s-somma ta' €230 kull xahar, u dan l-ammont ghandu jibqa' jithallas sakemm l-attrici ssib impjieg fiz-zmien sena mil-lum.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Mill-provi ma jirrizultax li kien hemm xi assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. L-unika ass li ssemma' hija d-dar fejn kienu jirrisjedu li hija Flat 10, Lucky Place, Triq il-Kbira, Mosta u dan kien post li krew minn fejn jirrizulta ukoll li dina l-kirja ntemmet.

Fil-kontro-talba l-konvenut jinsisti li kien ghadda lill-attrici xi somom ta' flus u pprezenta allegat *bank transfer* f'dan ir-rigward. Ghalkemm l-affidavit tal-konvenut gie sfilzat, ma pprezenta ebda rapprezentant tal-bank sabiex jikkonferma dan it-*transfer.* L-attrici in kontro-ezami tinnega ghal kollox li l-konvenut kien ghaddielha xi somom ta' flus.

Ghaldaqstant, fuq nuqqas ta' provi f'dan ir-rigward, dina l-Qorti mhix ser tiehu in konsiderazzjoni dawn il-flejjes.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1.Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-partijiet b'htija unikament tal-konvenut.

2.Tilqa' t-tieni talba attrici.

3.Tilqa' t-tielet talba attrici sa fejn u kif applikabbli fis-sottotitolu "Manteniment" kif fuq imfisser.

4.Tilqa' r-raba' talba attrici.

5.Tilqa' l-hames talba attrici kif fuq imfisser u sa fejn applikabbli.

6.Tastjeni mis-sitt u seba' talba attrici u dan peress li ma tirrizultax il-htiega.

7.Tilqa' t-tmien talba attrici.

8.Tilqa' d-disa' talba attrici.

**Kontro-Talba**

1.Tilqa' l-ewwel kontro-talba attrici pero' ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

2.Tichad it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt u s-seba' kontro-talbiet, ghajr ghall-hames kontro-talba sa fejn applikabbli biss.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**